**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

SEDUTA NRU. 17 – IL-ĦAMIS, 10 TA' MARZU 2016

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| Preżenti: | | |
|---|---|---|
| | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfreda Abela | Membru |
| | Joe Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 16 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

### 2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

2.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet l-ittra li hija rċiviet mingħand il-Perit ta' TM Rodney Micallef. Kien spjegat li parti taż-żona tal-parkeġġ f'Xatt il-Palm (fejn kien hemm l-uffiċini temporanji, se jiġi ppavimentat għall-użu ta' parkeġġ. Madankollu Transport Malta sostniet li s-sewwieqa li jidħlu f'din iż-żona sa minn qabel ma jitlesta x-xogħol, se jinżammu responsabli għad-danni li jistgħu jikkawżaw. Dan għaliex bħalissa hemm xi konnessjonijiet li huma għaddejjin.

2.2. Is-SE qal li wara li bagħat jistaqsi lil Perit Kylie Borg Marks dwar il-proġett ta' Ġnien Xatt il-Palm, hija qalet li għadhom qegħdin jaħdmu fuq il-proposti. F'dan id-dawl is-Sinj. Cuomo esprimiet ix-xewqa tagħha sabiex sakemm isir xi ħaġa, tal-inqas jibagħtu lil xi nies inaddfu l-akwata b'mod partikolari mill-ħaxix.

2.3. Iċ-*Chairperson* infurmat li rċiviet mingħand xi residenti jilmentaw, kif saru *humps* fi Triq Santa Klara u mhux f'xi triq oħra (issemmew Triq il-Lampara, Triq ix-Xambekk u Triq Anton Manwel Caruana).  Is-SE spjega li dawk il-*humps* kienu approvati mill-Kunsill u saru għaliex kien possibli li jiġu utilizzati *humps* tal-lastiku li kellu l-Kunsill diġà.  Kompla spjega li dawn it-tip ta' *humps* isiru f'toroq dojoq li huma 3 metri jew inqas.  F'toroq usa ma jistgħux jintużaw dawn it-tip ta' *humps* iżda jridu jkunu *humps* mibnija bit-tarmak u fissi u allura jiswew ħafna aktar flus.

2.4. Is-Sinj. Cuomo nfurmat lill-membri u lis-SE li fi Triq il-Kosta, tpoġġa kjosk fuq il-bankina.

## 3. RAPPORT FINANZJARJU

3.1. Is-SE ppreżenta r-rapport finanzjarju lill-membri tal-Kumitat u spjegah lill-membri. Kopja hija annessa f'A.

3.2. Is-Sinj. Vella ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li Fr Paul għadu ma ħallasx għall-użu tas-sala fid-dawl tal-kors tas-*Circuit Training*.

3.3. Is-Sinj. Cuomo ipproponiet li fil-futur, għas-sena 2017, il-Kumitat jikkonsidra li jibdew jinbidlu l-bozoz tat-toroq ta' Baħar iċ-Ċagħaq ma' oħrajn li huma *energy saving* u possibilment juru aktar.

## 4. IL-*CAMPING SITE*

4.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-laqgħa li hija flimkien mas-Sinj. Evelyn Muscat u s-SE kellhom mas-Sur Antoine Vella mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

4.2. Huma pproponew sabiex l-art li preżentament hija mikrija lill-iscouts ta' B'Kara tgħaddi għand il-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq u hekk jiġi propost sabiex issir grawnd tal-futbol jew użi oħra ta' benefiċċju għal-lokalità. Is-Sur Vella fehem din it-talba u wiegħed li jitkellem mal-membri tal-Kumitat kemm-il darba jkollu aktar informazzjoni.

## 5. PROĠETT GĦAL XATT IL-PALM

5.1. Il-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq qiegħed jippjana li hekk kif il-kostruzzjoni tal-bini tul din it-triq titlesta, jippjana biex jagħmel ix-xogħol ta' kostruzzjoni mill-ġdid tal-bankina.

## 6. ĦWEJJEĠ OĦRA

6.1. Is-SE informa li meta l-Kunsill bagħat email, jitlob kopja tal-kuntratti tal-manutenzjoni/ żamma tal-apparat tal-logħob u taż-żamma tal-pjanti/ arbuxelli fi Ġnien Santa Marija tal-Anġli, l-ewwel reazzjoni kienet negattiva. Madanakollu, wara li tkellem mad-direttur ġenerali Ray Farrugia fuq dan l-istess suġġett. Is-Sur Farrugia fehem li l-Kumitat kulma xtaq huwa li jassisti fl-immaniġjar tal-kuntratti biex jgħin lid-Dipartiment.

6.2. Is-SE ta spjegazzjoni fid-dawl tat-talbiet ta' bozoz ġodda. Ifisser il-bozoz ta' Triq Anton Manwel Caruana, Triq Edward Pirotta u Triq id-Dwieli.

6.3. Is-Sinj. Abela qalet li hemm bżonn niġbdu l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-knis fir-rigward tas-*central strip* ta' Triq Anton Manwel Caruana.

6.4. Is-Sinj. Vella nfurmat li l-kors tas-*Circuit Training* mhux se jitkompla jingħata minn Mikel St. John. Kien għalhekk li hija avviċinat lis-Sinj. Rachel Demicoli sabiex possibilment tibda tagħti l-kors hi. Is-Sinj. Vella qalet li s-Sinj. Demicoli hija għalliema professjonali u kwalifikata. Huwa maħsub li tibda ssir sessjoni waħda f'ġimgħa kull nhar ta' Erbgħa. Il-parteċipanti se jkunu mitluba jħallsu €30. Il-kors se jkun jikkonsisti minn 10 sessjonijiet ta' siegħa l-waħda. Il-ħlas mill-Kumitat sabiex jiġi organizzat dan il-kors ta' 10 sessjonijiet se tkun ta' €250. Dan il-kors sa jara l-bidu tiegħu nhar l-Erbgħa 23 ta' Marzu 2016 bejn is-7.30pm u t-8.30pm.

6.5. Il-Kunsill kien mitlub sabiex jibgħat email lil Fr Paul sabiex jagħmel avviż fil-quddies tiegħu sabiex inħeġġu aktar lir-residenti jipparteċipaw.

6.6. Is-Sinj. Muscat ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex nibagħtu lill-kuntrattur ikkonċernat sabiex jiknes il-weraq tal-ficus minn taħt is-siġra li hemm fiTriq Xatt il-Palm.

6.7. Is-Sinj. Muscat qalet li l-Ġimgħa 11 ta' Marzu 2016, se tieħu grupp ta' residenti jżuru l-Knisja Ta' Ġiesu l-Belt u mbagħad sal-Waterfront.

6.8. Is-Sinj. Cuomo talbet lill-Kunsill sabiex jibgħat ittra, tinforma lir-residenti li joqogħdu fi Triq l-Imsaqqfin sabiex ikunu jafu bil-programm tal-ġbir ta' skart.

## 7. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

7.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar It-Tlieta 12 ta' April, 2016 għal-5:00pm.

7.2. Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm.

Mary Anne Cuomo
**Chairperson**

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
**Segretarju Eżekuttiv**

**Income and Expenditure Report - Bahar ic-Caghaq Administrative Committee**

**Period covered:  Jan-Dec 2016**

***Income***

| Date | Description | Amount |
|---|---|---|
| | Balance B/d | €39,347.58 |
| | Allocation for 2016 | €96,221.00 |
| | | |
| | | |
| | | |
| | Total for income | **€135,568.58** |

***Expenditure***

| Date | Description | Amount |
|---|---|---|
| | Deduction of Administration / existing contracts costs | €58,286.75 |
| **02-02-16** | Hire of skip for BIC "pavement works" | €53.10 |
| **11-02-16** | Konkos ghal bankina fi Triq AM Caruana, BIC | €87.03 |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | Totol for expenses | **€58,426.88** |

| **Balance** | **€ 77,141.70** |
|---|---|